KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

11 ta' Settembru 2013

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 10 ta' Ottubru 2013 fis-5.15 pm,** b'din l-agenda:

1. **Gheluq tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V**

Ghal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsillier Edward Torpiano flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv.**

**Il-Vici Sindku Matthew Paris u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili ma kienux prezenti. Huma kienu skuzati minhabba ragunijiet ta' safar u ragunijiet ta' sahha rispettivament.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet fil-5.30pm minhabba nuqqas ta' kworum, permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

Is-Sindku qara komunikazzjni tal-Vici Sindku Matthew Paris fejn informa li peress li ma setax jattendi minhabba li kien imsiefer.

## 1. Gheluq tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V

1.1.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand il-Valletta Cruise Port. Il-Vapuri Mein Schiff 1 u Mein Shiff 2 ser ikunu ghall-ewwel darba, johorgu flimkien mil-Port il-Kbir, wara l-interess tal-Kumpanija li tibda topera fil-port ta' Malta fiz-zewgt iSjuf li gejjin.

1.1.2 Minhabba l-unicita' tal-okkazjoni, il-Kumpanija lahqet arrangement mal-Valletta Cruise Port sabiex jittellghu xi attivitajiet fil-Valletta Waterfront, li tinkorpora hruq ta' ftit nar tal-ajru. Minhabba li din l-attivita' hija unika, u ser tigi ffilmjata, il-post idejali ghal-harqa ikun mill-belveder (ponta) tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

1.1.3 Is-Sindku zied jghid li din hija attivita' importanti, madankollu ma jfissirx li l-Kunsill ser ibaxxi rasu ghal dawn it-talbiet, u ghalhekk hemm bzonn li din it-talba tigi kkunsidrata fuq merti ghaliha. Huwa rrimarka li qabel ma ltaqa' mas-Ceo tal-VISET, huwa kien kontra, pero wara l-ispjegazzjoni li kien tah, kien ikun iktar ghaqli li din it-talba tigi diskussa fil-Kunsill, ghaldaqstant kella tissejjah din-laqgha.

**Nota: Il-laqgha giet sospiza fil-5.36 pm sabiex jingahqad mal-mejda is-CEO tal Valletta Cruise Port, Mr John Portelli.**

Is-Sur Portelli ta spjegazzjoni tal-attivita', li tinkludi 4 minuti ta' hruq ta' nar, li jibda fl-10.00pm. Huwa spega li c-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kien il-post idejali, minhabba ragunijiet ta' filming, u il-pozizzjoni geografika, li ser ikun bejn iz-zewg vapuri. Huwa spjega li huwa imbarazzanti ghall-kumpanija, li wara dan l-investiment fil-pajjiz, ma ssehx din l-attivita' zghira. Huwa spjega kif l-gheluq tal-gnien huwa mitlub mill-Pulizija minhabba sigurta'. Huwa zied jghid li l-conveyance bin-nar ser jitlaq fis-7.30pm u l-armar (u sussegwentament l-gheluq tal-gnien) ghandu jibda fit-8.30pm.

**Nota: Il-Laqgha regghet kompliet fis-5.51 pm.**

1.1.4 Is-Sindku tenna, li jekk il-Kunsill japprova, jekk ikun hemm xi spejjez, dawn jigu assorbiti mill-"klijent", u li ir-responsabbilta' taqa' kollha fuqu, kemm fuq tindif, sahha u sigurta', hsarat li jistghu jinqalghu, inkluz tal-picc sintetiku. Ghal dan il-ghan, il-Klijent irid jipprezenta fotokopja tal-polza tal-assigurazzjoni li tkopri tal-inqas dawn l-affarijiet. Is-Sindku zied jghid li il-Kunsill lanqas ghandu jitlob xi forma ta' kumpens jew donazzjoni.

1.1.5 Il-Kunsillier Vincent Borg irrimarka, li jekk jinghalaq ic-Centru Rikreattiv Re Gorg V, il-komunita' xorta ser ikollha access ghal Gnien Sir Luigi Preziosi u Gnien Vilhena.

1.1.6 Ghalhekk wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland biex ghal din id-darba, il-Kunsill Lokali Floriana jaghti permess li jinghalaq ic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V minhabba cirkostanzi eccezzjonali, u minghajr pregudizzju, bil-Kundizzjonijiet kollha imnisslin waqt din il-laqgha, issekondat mill Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (NH, VB, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Il-laqgha ntemmet fis-17.55.**

**Nigel Holland**
**Sindku**

**Svetlick J. Flores**
**Segretarju Ezekuttiv**